# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **25 TA' FRAR 2018**

**Ġabra għas-Seminarju**

Illum u għada l-ġbir tal-Quddies se jkun għas-Seminarju tal-Arċisqof. Id-donazzjonijiet li aħna nagħtu lis-Seminarju jmorru biex is-saċerdoti li jieħdu ħsieb lis-seminaristi jagħtu l-aħjar formazzjoni liż-żgħażagħ li qed iwieġbu għas-sejħa li qed jagħmlilhom Ġesù. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom.

**It-Talba ta' filgħodu u filgħaxija tal-Knisja**

Mit-Tnejn sas-Sibt fil-quddiesa tat-7.45am nitolbu flimkien it-talba ta' filgħodu tal-Knisja u fil-quddiesa tas-6.00pm nitolbu t-talba ta' filgħaxija tal-Knisja.

**Via Sagra**

Matul ir-Randan nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jkollna t-talba tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali, għalhekk fil-5.15pm jkollna t-talba tar-Rużarju u fil-5.30pm il-Via Sagra.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Għada l-Ħadd 25 ta' Frar 2018 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 26 ta' Frar 2018 wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**

It-Tnejn 26 ta' Frar 2018 fis-6.30pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista**

Il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018 bħala Parroċċa ser nagħmlu Quddiesa u Via Sagra fi Triq il-Gross Bellavista. Nibdew fis-7.00pm bil-Quddiesa fi triq li tidħol għalija minn quddiem l-Inspire u wara Via Sagra. Kulħadd huwa mistieden.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:00pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn**

Is-Sibt 3 ta' Marzu 2018 l-Għaqda Mużikali Sant'Anna ser jorganizzaw Ikla Maltija fis-Sala Sant'Anna mit-8:00pm 'l quddiem.

**Grupp tar-Romol**

Il-Ħadd 4 ta' Marzu 2018 ser jibda jiltaqa' l-Grupp tar-Romol fil-Knisja Parrokkjali għal-laqgħa flimkien. Inħeġġu lir-romol sabiex jattendu.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 10 ta' Marzu 2018 fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Laqgħa dwar it-Talb**

Frott l-Assemblea Parrokkjali li kellna f'Novembru li għaddha flimkien ħassejna l-bżonn li niddedikaw iktar ħin għat-talb. Il-Ħadd 11 ta' Marzu 2018 fl-4:00pm nistedinkom sabiex ningħaqdu flimkien fis-Sala Sant'Anna għal-laqgħa dwar it-talb. Il-laqgħa tintemm fil-5:30pm. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi u ser ikun hemm min ser jieħu ħsieb lit-tfal.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 8 ta' Marzu 2018 fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara fid-9:30am ser norganizzaw Coffee Morning fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha**

Il-Ħadd 11 ta' Marzu 2018 fl-10:15am ssir il-Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna li tħares lill-ommijiet u t-tarbi fil-ġuf tagħhom. Mistiedna wkoll il-ġenituri li welldu tarbija biex jirringrazzjaw lil Alla.

**Eżerċizzi għall-koppji**

Mit-Tnejn 19 ta' Marzu sal-Ġimgħa 23 ta' Marzu ser issiru l-eżerċizzi għall-koppji fis-6:45pm fil-Knisja Parrokkjali. Nħeġġu lill-miżżewġin u lil dawk li qed jibnu familja sabiex jattendu għall-eżerċizzi. Fis-Sala Sant'Anna jkun hemm min jieħu ħsieb lit-tfal. Ser imexxi l-eżerċizzi Mons. Anton Gouder.

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Għid nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018. Biljetti mill-Mother and Baby Club nhar ta' Erbgħa mis-Sala Sant Anna.

**Sagrament tal-Griżma tal-Isqof 2018**
Jiem is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Parroċċa tagħna ser ikunu s-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ta' Ottubru 2018.

**Figolli**
Fuq iz-zuntier qed jinbiegħu l-kwareżimal u l-figolli magħmulin mill-helpers tal-parroċċa tagħna. Napprezzaw jekk ikun hawn min joffri xi lumi. Grazzi.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Mill-Kunsill Lokali**
Min nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2018 il-ġbir ta' skart separat ser jibda jinġabar anke il-Ġimgħa, għalhekk il-ġbir ta' skart ser ikun kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ġimgħa.